**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Clayton Bezzina**

**Robert Incorvaja**

Kump Nru: 320/18

Illum 21 ta' Mejju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clayton Bezzina ta' 38 sena, bin Mario u Carmen nee' Grech, imwieled H'Attard fit-12 ta' Awwissu, 1979 u residenti Swieqi Residence Complex, Block B, M2, Triq il-Qatta, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 426279 (M) u ta' Robert Incorvaja ta' 37 sena, bin Joseph u Madline nee' Pisani, imwieled San Giljan u residenti 36, Tigne Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numeru 373480 (M).

**Akkuzati talli nhar id-19 ta' Mejju 2018 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel, gewwa l-Gzira u/jew f'dawn il-gzejjer:**

1. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina sepcifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medici perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifattura, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicina Prerikoluzi Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta;

**U nakkuzawhom ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-18 ta' Mejju 2018 u d-19 ta' Mejju 2018 minn gewwa l-lukanda Sliema Chalet, Triq it-Torri, Sliema:**

2. Ikkomettew serq ta' flus kontanti ghad-detiriment ta' Etienne Saliba u/jew persuni ohra u/jew kumpaniji ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u l-valur, liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfisika ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali skont l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u huma kkonfermaw l-istess ammissjoni wara li nghataw zmien biex jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi invista li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghom dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni bikrija, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li l-vittma gie rizarcit. Minn dak li gie spjegat lill-Qorti jkun opportun li z-zewg imputat jitpoggew taht ordni ta’ probation u jinhareg ordni ta’ trattament sabiex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat it-Taqsima IV u VI, 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-L.S. 101.02 u l-artikoli 20, 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lil Clayton Bezzina u Robert Incorvaja taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin ghal ghajnuna sabiex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Inoltre' il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' dokument Dok JR13 u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju ta' Probation u parole.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**